Minuti tal-Laqgħa Nru. 39 tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Hamis, 24 ta' Gunju 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana |
| | Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Noel Cini |
| **Skużat** | Dr. Frank Psaila LL.D |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Hatra ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid
5. Harġa għal Għawdex
6. Korsijiet tal-Kompjuters - Update
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

Fil-bidu tal-laqgħa il-Kunisllier Caruana nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Psaila kien qed jitlob li jiġi skużat u dan minħabba li kellu laqgħa mal-PM. Il-Kunsill aċċetta li l-Kunsillier Psaila jiġi skużat.

**1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Il-minuti preċedenti ttieħdu bħala moqrija. Peress li ma kienx hemm korrezzjonijiet, il-minuti ġew approvati wara li kienu proposti mill-Kunsillier Camilleri u sekondati mill-Kunsillier Massa.

**2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

2.1 Il-Kunsillier Piscopo tkellem dwar il-possibilita` li tiġi stallata camera u intercom fil-bini tal-kunsill u dan minħabba s-sigurta` tal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk kienet ser tintalab stima sabiex jiġi stallat dan l-apparat.

2.2 L-istess Kunsillier ippropona wkoll li s-settijiet tat-telefon li hemm fl-uffiċċju tal-iskrivani jiġu debarred u b' hekk l-iskrivani jkunu jistgħu jagħmlu telefonati fuq mobiles mingħajr il-ħtieġa li dawn ikollhom iħallu posthom u jmorru jċemplu mill-uffiċċju tas-segretarju eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll ma' dan.

2.3 Il-Kunsillier Caruana għal darb' oħra reġa' irrefera għall-ittra legali li kienet intbagħtet mis-segretarju eżekuttiv lill-Kunisllier Piscopo. L-aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li jidher li fil-kunsill ma kienx hemm kopja ta' din l-ittra.

2.4 Il-Kunsillier Caruana talab ukoll li jkollu kopja ta' ċekkijiet li nħarġu bħala petty cash għas-snin 2006, 2007 u 2008.

**3.0 KORRISPONDENZA**

3.1 Is-Sindku għadda għas-suġġett li kien imiss fuq l-aġenda - dak tal-korrispondenza.

3.2 Ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar l-istat ħażin ta' parti minn Triq il-Belt Valletta - il-parti ta' bejn Hili u l-Andrews Feeds. Il-Kunsill qabel li jirrispondi din l-ittra billi jinforma lid-Dipartiment bl-azzjoni li kien qed jieħu l-Kunsill.

3.3 Ittra minn Trasport Malta kupjata lill-Kunsill dwar crash barriers li kienu ntalbu fi Triq il-Gdida f' Ħal-Luqa.

3.4 Invit dwar konferenza nazzjonali dwar Green Public Procurement li ser issir fit-2 ta' Lulju 2010.

3.5 Il-Kunsill kien irċeva stedina sabiex jattendi għat-tnedija ta' ktieb bl-isem ta' Luqa St Andrew's FC – 75 Sena ta' Storja.

3.6 Invit għall-kxif tal-pittura fil-knisja parrokkjali nhar l-Imnarja fis-7.15 ta' filgħaxija.

3.7 Stedina dwar programm sajfi fuq One Television. Il-Kunsill qabel li din l-ittra tiġi ċirkolata mal-każini tal-lokal.

3.8 Invit mill-Kunsill Lokali Paola dwar programm mużikali mill-baned tal-lokal.

3.9 Gew iċċirkolati għall-attenzjoni tal-Kunsillieri preżenti numru ta' applikazzjonijiet u deċiżjonijiet tal-MEPA li jirrigwardaw il-lokalita` ta' Ħal-Luqa.

**4.0 HATRA TA' SEGRETARJU EZEKUTTIV**

4.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien qiegħed jipproponi li bħala segretarju eżekuttiv jinħatar is-Sur Michael Portelli li fil-preżent qiegħed segretarju eżekuttiv mal-Kunsill tal-Imtarfa.

4.2 Il-Kunisllier Piscopo staqsa jekk il-Kunsill kellux għażla bħalma jiġri f' Kunsilli oħra.

4.3 Is-Sindku qal li din kienet deċiżjoni ta' Dr Said u għalhekk il-Kunsillier Piscopo qal li ġialadarba kien deċiż li jintbagħat is-Sur Portelli, ma kienx hemm lok ta' diskussjoni, u l-Kunsill kien ser ikollu jaċċetta dik il-persuna proposta.

4.4 Hawnhekk is-Sindku ippropona li ssir talba lid-Dipartiment sabiex jintbagħat is-Sur Portelli bħala segretarju eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa. Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku u kien hemm qbil unanimu dwar din it-talba.

4.5 Is-Sindku qal li xtaq jieħu din l-opportuita` sabiex f' ismu u f' isem il-Kunsill kollu juri l-apprezzament tal-Kunsill għax-xogħol professjonali u effiċjenti li qed iwettaq is-Sur Noel Cini fil-ħidma tiegħu bħala aġent segretarju eżekuttiv mal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa.

**5.0 HARGA GHAL GHAWDEX**

5.1 Il-Kunsillier Massa tkellmet dwar il-ħarġa li l-Kunsill kien qed jorganizza għal Għawdex nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju 2010 u hawn tat xi dettalji dwar il-prezz u anke dwar il-ħin tat-tluq u dwar il-postijiet li ser iżuru f' Għawdex. Il-Kunsill ta l-approvazzjoni tiegħu għal din il-ħarġa.

**6.0 KORSIJIET TAL-KOMPJUTER - UPDATE**

6.1 l-Kunisllier Piscopo nforma lill-Kunsill li l-kumpanija TCTC kienet qed toffri kors tal-kompjuter tal-ECDL START. Il-Kunsill wara li ddiskuta din il-proposta qabel li għandna ninfurmaw lill-kumanija TCTC li għal din is-sena il-Kunsill ma kienx interessat li joffri dan il-kors.

6.2 Il-Kunsillier Piscopo wara tkellem dwar il-ftehim li kien sar mal-iskola tal-gvern dwar Skolasajf, u ta rendikont ta' l-ispejjes involuti sabiex tiġi organizzata Skolasajf għat-tfal iż-żgħar. Il-Kunsill għalkemm qabel li għandu jħallas l-ispejjes imsemmija talab lill-Kunisllier Piscopo sabiex dan jagħmel laqgħa mal-kap tal-iskola sabiex forsi jitnaqqsu xi ftit mill-ispejjes li dawn kienu qed jitolbu.

**7.0 APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**

7.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda ta' ħlasijiet għall-approvazzjoni, liema skeda ġiet ssekondata mill-Viċi Sindku u approvata unanimament mill-Kunsill.

7.2 Il-Kunsillieri Piscopo u Caruana kif ukoll l-aġent Segretaju Eżekuttivi aċċennaw għal żewġ invoices - li kienu tal-kumpanija Nexos u li l-ammont tiegħu kien ta’ 2,124 ewro u ieħor ta’ Augusto Cardinale li kien jammonta ghal 4, 130 ewro u staqsew jekk kienux inġiebu l-istimi u jekk kienux dehru fil-ġurnali. L-aġent Segretarju ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li sejħiet għall-kwotazzjonijiet kif ukoll għall-offerti issa jridu jidhru fuq il-ġurnali kif speċifikat f’ memo maħruġ is-sena li għaddiet.

7.3 Is-Sindku qal li għar-rigward tal-invoice tan-Nexos, din il-kumpanija diġa kellha kuntratt tad-dawl mal-Kunsill. Dwar l-invoice ta’ Augusto Cardinale qal li l-Kunsill kien ġab tlett kwotazzjonijiet. Hu qal li fiż-żewġ każi x-xogħol kien wieħed b’ urġenza minħabba l-attivita ‘Luqa at War’ u għalhekk ma kienx hemm ħin biżżejjed biex jidhru r-reklami fuq il-gazzetti. Qal ukoll li dan kien dak iż-żmien partikolari meta l-Kunsill kien mingħajr segretarju eżekuttiv. Il-Kunsill wara li ħa dawn l-affarijiet inkonsiderazzjoni approva wkoll il-ħlas ta’ dawn il-kontijiet.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

8.1 Peress li ma kienx hemm items oħra x’jiġu diskussi, is-Sindku fis-7.30 p.m. iddikjara l-laqgħa bħala magħluqa. Data tal-laqgħa li jmiss kellha tiġi komunikata lill-kunsillieri aktar ‘il quddiem.

Konfermati llum ______________________ 2010.

| | |
|---|---|
| John Schembri | Noel Cini |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |